MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru. 261/1989

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Victor Pisani**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Pisani ta’ 42 sena, bin Angelo u Carmena nee` Buttigieg, imwieled l-Imsida fl-20 ta’ Settembru 1947 u joqghod ‘Charitmar’, Triq Dliela, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` numru 862247(M);
Akkuzat:
1. Talli nhar il-Gimgha 28 ta’ Lulju, 1989 ghall-habta tal-11.30 p.m. f’Haz Zabbar, bil-hsieb li jikkommetti feriti gravi fuq il-persuna ta’ Paul Cutajar li joqghod ‘Starlight’, Triq Dliela, Zabbar, huwa wera dan il-hsieb b’atti esterjuri u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi b’arma tan-nar (pistola) huwa spara fuq il-persuna tal-imsemmi

Paul Cutajar u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika verbalment it-Tabib Dr. David Busuttil M.D. tal-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkuzat;

2. Talli fl-istess jum, hin u lok huwa zamm u garr arma regolari (pistola) u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Talli fl-istess jum u hin huwa spara arma tan-nar fl-abitat jew fi triq pubblika minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Talli fl-istess jum, hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena ghar-reati msemmija hawn fuq, tordna l-konfiska tal-arma tan-nar (pistola).
Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk jidhrilha xieraq tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.
Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-21 ta' Jannar 1993[1], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi:-
a) Fl-Artikoli 41(1)(a), 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d)(2), 217 tal-Kodici Kriminali;
b) Fl-Artikoli 221(1), 383, 533, 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
c) Fl-Artikoli 3, 19 tal-Kap. 66;
d) Fl-Artikoli 24, 33, 29 tal-Kap. 33

[1] A fol. 249 tal-process.

u ddecieda ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jibghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 1993, l-imputat iddikjara illi huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' April 2013, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, l-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ssottometta illi stante illi l-imputazzjonijiet odjerni gew notifikati lill-imputat qabel dahhlu fis-sehh l-emendi fil-Kodici Kriminali fir-rigward tal-preskrizzjoni fis-sena 2002, il-ligi applikabbli dwar il-preskrizzjoni f'dan il-kaz, hija l-ligi kif kienet qabel gew introdotti l-istess emendi;

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2013, id-difiza ssottomettiet ukoll illi mill-atti tal-kawza (a fol. 278 tal-process) jirrizulta illi l-imputat kien deher fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 1993 u li l-kawza dakinhar thalliet ghas-sentenza. Minn dakinhar il-quddiem, l-imputat qatt ma deher u dan sal-udjenza tat-8 ta' April 2013, quddiem din il-Qorti kif presjeduta. F'dan is-sens, ghalhekk, id-difiza kienet qed tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti qabel ma gew introdotti l-emendi rigwardanti l-preskrizzjoni fis-sena 2002;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-imputat fl-24 ta' Gunju 2013, kif ukoll in-nota responsiva tal-prosekuzzjoni, ipprezentatha minnha fit-12 ta' Awwissu 2013.

**Ikkunsidrat**:

1. Illi fin-nota taghha, id-difiza ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Mamo ossia **Notes on Criminal Procedure** u ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 1994, sabiex issostni l-posizzjoni taghha illi din il-Qorti ghandha tapplika l-ligi dwar il-preskrizzjoni, kif kienet fis-sehh qabel din giet emendata u cioe` il-ligi li kienet vigenti meta gew notifikati l-imputazzjonijiet lill-imputat odjern. Skond id-difiza, il-Qorti m'ghandhiex tapplika l-ligi

l-gdida dwar is-sospensjoni tal-preskrizzjoni. Da parti taghha, l-prosekuzzjoni ssottomettiet illi l-ligi procedurali hija di natura retroattiva a kuntrarju tal-ligi sostantiva u illi ghalhekk il-ligi li ghandha tirregola l-proceduri penali u li ghandha tigi applikata hija dik il-ligi in vigore fiz-zmien tal-proceduri, u dan minkejja li fiz-zmien meta sehh ir-reat, il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. In sostenn tat-tezi taghha, il-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-25 ta' Ottubru 1984. Skond il-prosekuzzjoni ghalhekk, la darba l-preskrizzjoni hija istitut tal-ligi procedurali, jsegwi illi din ghandha tigi applikata retroattivament, b'dan illi r-regim li ghandu japplika fil-konfront tal-imputat huwa dak kif emendat permezz tal-Att III tas-sena 2002, u mhux dak applikabbli qabel ma giet emendata l-ligi. Skond il-prosekuzzjoni, ghalhekk, ladarba l-imputat kien debitament notifikat bl-akkuzi dedotti kontra tieghu fil-bidu nett tal-proceduri, iz-zmien ta' preskrizzjoni gie sospiz u ghandu jibqa' hekk sospiz sa dak iz-zmien meta tinghata s-sentenza finali u definittiva fil-konfront tieghu, hekk kif stipulat fl-Artikolu 687(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

4. Illi waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni. Dawn l-emendi fil-fatt dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, bis-sahha tal-Att Nru. III tas-sena 2002. Bis-sahha tal-imsemmi Att, gie mizjud sub-artikolu gdid ghall-Artikolu 687 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond dan is-sub-artikolu:-

"*Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza*."

5. Illi dwar dawk il-kazijiet fejn il-preskrizzjoni tibda tiddekorri taht ligi partikolari li sussegwentement tigi emendata, biex b'hekk iz-zmien tal-preskrizzjoni jiddekkori kompletament taht il-ligi kif emendata u dwar in-natura tal-

istitut tal-preskrizzjoni, **il-Professur Sir Anthony Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu[2]:

"*It may happen that prescription may commence to run under one law and become complete when a new law has already come into force. The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances, ie:*

*(i) that the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;*

*(ii) that nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant.*

*Entrambi queste due disposizioni si riducono ad una formula sola: e cioe` che le leggi posteriori relative alla prescrizione si applicano anche alle prescrizioni cominciate prima della lora pubblicazione, quando il contenuto delle nuove determinazioni giuridiche sia piu` favorevole all'imputato (**Pessina**, op. cit. p. 393; cfr. also **Lucchini**, op. cit. p. 115, para. 104). The reason is that, although in our Code prescription is dealt with in Book Second which deals with Criminal Procedure, it is nevertheless, in its essence and practical operation really an institute of Substantive and not of Adjective Law: it relates not to the process or form of the proceedings but to their very purpose and subject-matter; it concerns the ends which the administration of criminal justice seeks not to the means and instruments by which those ends are to be attained. Therefore while the general rule remains that a new law of procedure insofar as it regulates the form of the proceedings or the competence or jurisdiction of the Courts operates retrospectively so as to cover also proceedings in respect of offences committed under the*

---

[2] *Notes on Criminal Procedure*, pagna 42.

*old law, and this whether the new law is more or less favourable to the defendant, in the case of prescription, the new law does not operate retrospectively unless it is in fact more favourable to the accused.* ***Rauter*** *thus writes: Il principio della non retroattivita della legge penale non si estende anche alla legge di procedura in quanto che questa regola il modo da seguire per l'applicazione della legge penale (ordinatorium litis). La nuova legge di procedura governa anche quelle cause che si riferiscono a fatti anteriori alla publicazione di essa; imperocche` in questa materia predomina il carattere della legge di ordine pubblico, che, nessuna disposizione di legge modifica, e legalmente parlando l'accusato non ha nessun vero interesse per venir giudicato seguendo piuttosto una forma che un' altra. Ma per tutto cio` che e` litis decisorium nelle leggi di procedura, come per esempio … la prescrizione del delitto ecc., la regola della non retroattivita` e` anche applicabile. (i.e. if the new law is less favourable to the accused).*"

6. Illi fis-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju 1994, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grima**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-waqt li ghamlet referenza ghan-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo hawn fuq citati, qalet hekk:

"*9. F'materja kriminali, ghall-inqas, il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola, ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tigi applikata hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi zmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-ligi precedenti kinitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.*

*10. Il-ligi sostanzjali, ghall-kuntrarju, bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat.*

*11. Fil-Kodici Kriminali, l-preskrizzjoni hija trattata fit-Tieni Ktieb intestata "Ligijiet ta' Procedura Kriminali." Ghalhekk jidher li l-ligi dwar il-preskrizzjoni ghandha titqies bhala ligi procedurali. Apparentement allura, a tenur tar-regola generali premessa fil-paragrafi 9 u 10 hawn fuq, kwantu ghall-preskrizzjoni ghandha tigi applikata l-ligi fis-sehh fi zmien il-procediment, anki*

*retroattivament a rigward reat kommess f'data precedenti li fiha kienet in vigore ligi ohra.*
*12. B'danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta' dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub. <u>Ghalhekk fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat</u>*.
7. Illi kemm il-darba il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat, allura kull azzjoni kontrih tispicca u konsegwentement tispicca wkoll il-piena. Fil-kawza appena citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:-
"*14. Din il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni* (tal-Professur Anthony Mamo) *anke ghaliex thoss li, kuntrarjament ghall-opinjoni l-ohra*[3]*, hija konkordi mal-volonta` tal-legislatur espressa fl-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jghid li jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena lanqas gravi. Ovvjament u "a fortiori", jekk skond xi wahda minn dawn il-ligijiet, l-att ta' l-imputat ma jkun soggett ghal ebda piena, ebda piena allura ma ghandha tinghata*".
8. U l-istess qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Virginia Mifsud</u>**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:
"*Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda*

[3] Il-Qorti hawnhekk kienet qeghda taghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminal fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Bondin</u>**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984.

*“**Retroattivita della Legge”** di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il **Gabba** quivi citato; **Cheaveu et Helie “Teorica del Codice Penale** (traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; **Merlin “Repertorio Effetto Retroattivo”** paragrafo 11 n. 1; **Dalloz: “Repertorio”** voce Legge n. 874; **Biblioteca del Diritto** (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) – Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13*”.

9. Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta’ Frar 1920, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Agostino Bugeja</u>**:

“*Attesocche nella moderna dottrina circa l’effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

*1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

*2. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente;*

*3. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest’ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell’articolo 28, pel quale e` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara` sempre applicata quella di qualita` meno grave …*

*… Invero l’interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali*

*che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena*".

10. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju illi stante illi r-reati allegatament kommessi mill-imputat sehhew fi zmien meta ma kinitx ghadha dahlet fis-sehh id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9, ghandha tapplika ghalhekk dik il-ligi li kienet fis-sehh qabel l-imsemmija emendi, liema ligi naturalment kienet izjed favorevoli ghall-imputat. Ta' min jghid ukoll illi kif qalet sew id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, din il-konkluzjoni giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Sant Hill**, fejn dik il-Qorti rriteniet hekk:

"*Ma hemmx dubju li l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 fuq imsemmija, ma japplikawx ghal kaz tal-appellant peress illi l-akkuzi jirrisalu qabel ma dahlet in vigore dik il-ligi.*

*F'Awwissu tal-2001 kien biss l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li kien jittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, f'liema kaz kienu d-decizjonijiet biss illi ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien. Ma jghid xejn dwar il-procedimenti.*

*Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ghandu ragun u l-akkuzi kellhom ikunu dikjarati preskritti…*".

11. Stabbilit dan il-punt, il-Qorti ser titratta il-punt imqajjem mill-prosekuzzjoni fin-nota taghha, fis-sens illi l-imputat donnu stenna lill-Magistrat precedentement sedenti f'din il-kawza sabiex jirtira mid-doveri tieghu, qabel

ma ssolleva din l-eccezzjoni u illi stante li skond il-prosekuzzjoni, din l-eccezzjoni tal-imputat, kemm il-darba tigi ammessa, setghet tqajjmet ‘il fuq minn dsatax-il sena ilu (skond il-prosekuzzjoni, l-allegati reati sehhew fit-28 ta’ Lulju 1989 u ghalhekk jekk wiehed jikkalkula l-hames snin zmien ta’ preskrizzjoni ndikati mill-imputat fin-nota tieghu, dan ikun ifisser illi l-kawza giet preskritta lejn Lulju tal-1994), dan ma huwa xejn aktar “*ghajr abbuz sfaccat tal-process gudizzjarju u kaz car ta’ forum shopping*”.

12. Il-Qorti tinsab tassew perplessa b’dan l-argument tal-prosekuzzjoni. Fil-waqt illi din il-Qorti, kif presjeduta, ma tista’ qatt tikkondividi agir ta’ kwalunkwe Qorti, tkun liema tkun, illi tiddifferixxi kawza ghas-sentenza ghal izjed minn dsatax-il sena shah, fl-istess waqt zgur illi l-imputat ma kellu x’jahti xejn ghal din is-sitwazzjoni. L-argumenti esposti mill-prosekuzzjoni fin-nota taghha m’huma xejn hlief tentattiv pwerili, sabiex tinstab ‘difiza’, fejn tali ‘difiza’ hija fil-fatt inezistenti u fil-verita` dawn l-argumenti ma jaghmlu xejn hlief jixhtu allegazzjonijiet infondati li zgur ma jaghmlux gieh lill-prosekuzzjoni li ghazlet li tressaqhom ghall-iskrutinju ta’ din il-Qorti. Ta’ l-inqas, dan l-argument tal-prosekuzzjoni jirrazenta l-fieragh u huwa prossimu hafna ghal disprezz.

13. Madankollu, peress illi l-metru legali ta’ gustizzja adoperat minn din il-Qorti huwa aktar oggettiv u bil-wisq aktar sobriju u serju minn dak adoperat mill-prosekuzzjoni fl-ahhar parti tan-nota taghha, hawn fuq citata, din il-Qorti sejra biss twiddeb lill-Ufficjal Prosekutur sabiex quddiem il-Qrati domestici jirrestringi ruhu ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali u mill-istatuti tal-ligi, bla ma jitlef qatt di mira, fil-qadi ta’ dmirijietu, r-rispett dovut lill-Qrati u l-gudikanti taghha.

14. Kif ser jinghad izjed l’isfel, l-ewwel darba li deher l-imputat wara s-seduta tat-3 ta’ Novembru 1993, meta l-Qorti kif diversament presjeduta, iddifferiet il-kawza ghall-ewwel darba ghas-sentenza, kien fit-8 ta’ April 2013, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, u dakinhar, l-imputat mill-ewwel issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Sa dakinhar, l-imputat ma kienx baqa’ jidher u lanqas jidher illi kien qed jigi notifikat mill-prosekuzzjoni sabiex jidher, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda dehra qabel dik tat-8 ta’ April 2013, li fiha seta’ jqajjem l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni. Mhux biss, izda hawn ta' min jghid ukoll illi lanqas il-Prosekuzzjoni ma jidher li kien ghad fadlilha xi wisq interess f'din il-kawza, ghaliex kif jirrizulta mill-verbal tat-8 ta' April 2013, kienet din il-Qorti, kif presjeduta, li kellha titlob informazzjoni sabiex tistabilixxi min kien l-Ufficjal Prosekutur li kien qieghed imexxi din il-kawza.

15. In oltre, l-imputat ma setax iqajjem din l-eccezzjoni, tal-inqas b'tama ta' ezitu favorevoli ghalih, sakemm ma kien fil-fatt ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni applikabbli ghar-reati li qed jigu lilu addebitati. Ghalkemm il-prosekuzzjoni tghid illi din l-eccezzjoni setghet tqajjmet lejn Lulju tas-sena 1994, u dan ghaliex l-allegati reati sehhew f'Lulju tas-sena 1989, fir-rigward ta' numru ta' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, dan zgur illi mhux minnu, ghaliex kif jirrizulta izjed l'isfel, kien fil-fatt minn Novembru tas-sena 1993 illi l-imputat ma baqax jigi notifikat sabiex jidher. Ghall-kuntrarju, wara li gie mressaq taht arrest fil-31 ta' Lulju 1989 u sa Novembru 1993, in-notifika u d-dehra tal-imputat ghas-seduti kienet wahda regolari u ghalhekk zgur illi fir-rigward ta' dawk ir-reati lilu addebitati li jgibu maghhom terminu preskrittiv fit-tul, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma setghetx tintlaqa'.

16. U izjed importanti, kuntrarjament ghall-argument tal-prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat ghandu jispjega ghaliex huwa biss f'dan l-istadju li qed iqajjem din l-eccezzjoni, irid jinghad illi din l-eccezzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku u a tenur tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9, <u>il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio* u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha</u>. Li jfisser illi mhux biss l-imputat m'ghandu ghalfejn jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn huwa f'dan l-istadju li qed iqajjem din l-eccezzjoni (li fil-fatt tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju u anke fi stadju ta' appell), talli l-imputat lanqas biss ghandu ghalfejn iqajjem din l-eccezzjoni, u dan minghajr ma jinkorri l-ebda pregudizzju, ghaliex la darba l-Qorti **minn jeddha** tirravviza illi l-azzjoni hija estinta minhabba l-preskrizzjoni, allura dik il-preskrizzjoni ghandha tigi applikata mill-Qorti stess u minghajr in-necessita` ta' talba f'dan is-sens da parti tal-imputat.

17. Anke fejn l-imputat baqa' jidher ghas-smiegh tal-kawza minghajr ma qajjem din l-eccezzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha moghtija fl-4 ta'

Gunju 1955, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Angelo Portelli** sostniet hekk:
"*Issa, meta l-imputat deher tant fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1955 kemm ukoll fis-seduta tad-29 ta' Marzu 1955 u f'din is-seduta ta' l-ahhar assista ghas-smiegh tal-provi hu bl-ebda mod ma oppona li l-azzjoni kienet preskritta. Izda dan il-fatt ma jippregudikahx; ghax hi ligi (art. 689 Kap. 12 Ediz. Riv.) li l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. Jekk ma jistax jirrinunzja espressament, "multo magis" ma jistax jirrinunzja tacitament*".
In oltre, tant l-imputat ma jistax jirrinunzja ghall-preskrizzjoni, illi anke fejn l-appellant irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Ramon Sant Hill**, deciza fil-25 ta' Marzu 2010, laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-istess appellant.

**Ikkunsidrat ukoll:**

18. Il-Qorti tghaddi issa sabiex tikkunsidra t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

19. L-imputat jinsab akkuzat talli nhar il-Gimgha 28 ta' Lulju, 1989 ghall-habta tal-11.30 p.m. f'Haz Zabbar, bil-hsieb li jikkommetti feriti gravi fuq il-persuna ta' Paul Cutajar li joqghod 'Starlight', Triq Dliela, Zabbar, huwa wera dan il-hsieb b'atti esterjuri u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'arma tan-nar (pistola) huwa spara fuq il-persuna tal-imsemmi Paul Cutajar u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika verbalment it-Tabib Dr. David Busuttil M.D. tal-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkuzat; wkoll talli fl-istess jum, hin u lok huwa zamm u garr arma regolari (pistola) u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; talli fl-istess jum u hin huwa spara arma tan-nar fl-abitat jew fi triq pubblika minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u talli fl-istess jum, hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

L-ewwel imputazzjoni

20. L-ewwel reat addebitat lill-imputat huwa ghalhekk dak ta' tentattiv ta' ferita gravi, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta`

tal-hati. Skond l-Artikolu 41(1)(a), f'kaz ta' htija, il-piena stabbilita ghal tali tentattiv hija dik stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa bi grad jew zewg gradi. Fin-Nota tieghu tal-21 ta' Jannar 1993, l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet *inter alia* taht l-imsemmi Artikolu 41(1)(a) u taht l-Artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

21. Skond l-Artikolu 216(1), il-piena ghall-offiza gravi kontemplata f'dak l-artikolu hija dik ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin, liema piena skond l-Artikolu 217, tizdied minn hames xhur sa erba' snin. Issa jekk wiehed japplika r-riduzzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 41(1)(a), u jnaqqas il-piena bi grad, isegwi illi l-piena applikabbli f'kaz ta' offiza a tenur tal-Artikoli 216 u 217 hija dik ta' prigunerija minn xahrejn sa tlett snin u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31(1)(b)(xiii) u (viii). Ghalhekk il-piena massima f'dan il-kaz hija dik ta' prigunerija ghal zmien tlett snin.

22. Illi ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

"*(d) bl-gheluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena.*"

23. Illi skond l-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9, fir-rigward tal-attentati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar att ta' esekuzzjoni. L-att in kwistjoni gie allegatament kommess mill-imputat fit-28 ta' Lulju 1989. Mill-atti jirrizulta illi l-imputat tressaq quddiem il-Qorti taht arrest fil-31 ta' Lulju 1989 u wara dik id-data, deher ghas-segwenti udjenzi: fid-9 ta' Awwissu 1989, fit-28 ta' Awwissu 1989, fit-18 ta' Settembru 1989, fl-1 ta' Novembru 1989, fit-13 ta' Novembru 1989, fit-12 ta' Frar 1990, fit-23 ta' Marzu 1990, fis-7 ta' Mejju 1990, fis-27 ta' Lulju 1990, fid-9 ta' Awwissu 1990, fil-5 ta' Ottubru 1990, fit-2 ta' Novembru 1990, fil-21 ta' Dicembru 1990, fil-31 ta' Jannar 1991, fis-6 ta' Marzu 1991, fis-17 ta' April 1991, fit-12 ta' Gunju 1991, fis-26 ta' Lulju 1991, fl-4 ta' Novembru 1991, fil-11 ta' Dicembru 1991, fis-7 ta' Frar 1992, fis-27 ta' Marzu 1992, fil-25 ta' Mejju 1992, fil-15 ta' Lulju 1992, fil-15 ta' Settembru 1992, fis-16 ta' Dicembru 1992, fit-18 ta' Dicembru 1992, fis-17 ta' Frar 1993, fl-24 ta' Frar 1993, fil-31 ta' Mejju 1993, fil-5 ta' Lulju 1993, fit-

30 ta’ Awwissu 1993 u fit-3 ta’ Novembru 1993. Skond l-atti, fis-seduti l-ohrajn l-imputat jew ma deherx jew ma giex indikat li deher.

24. Illi fl-udjenza tat-3 ta’ Novembru 1993, il-kawza thalliet ghas-sentenza. Minn dakinhar sal-udjenza tat-8 ta’ April 2013, il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza mill-Qorti, kif diversament presjeduta.

25. Illi l-ahhar dehra tal-imputat hija indikata fl-atti bhala dik tat-3 ta’ Novembru 1993. Fil-verbali tas-seduti sussegwenti ossia mill-verbali tas-seduta tal-24 ta’ Jannar 1994 sas-seduta tad-29 ta’ Settembru 2000[4], m’hemm l-ebda indikazzjoni li l-imputat deher meta giet imsejjha l-kawza. Fil-fatt il-verbali kollha f’dan il-perjodu jghidu sempliciment illi l-kawza kienet qeghda tigi differita jew kienet qeghda tigi differita ghas-sentenza. L-istess dwar il-verbali tas-seduti mit-12 ta’ Dicembru 2000 sal-15 ta’ Mejju 2001, il-verbali tas-seduti mit-2 ta’ Ottubru 2001 sas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2007 u dawk tas-seduti tal-10 ta’ Gunju 2008 u l-14 ta’ Ottubru 2008. Fis-seduti l-ohrajn imbaghad, il-verbali relattivi jindikaw illi ma deher hadd: fl-10 ta’ Novembru 2000, fit-3 ta’ Lulju 2001, fl-20 ta’ Frar 2008, fil-15 ta’ April 2008, fl-20 ta’ Jannar 2009, fl-20 ta’ Marzu 2009, fit-30 ta’ Gunju 2009, fis-6 ta’ Ottubru 2009, fit-18 ta’ Dicembru 2009, fid-19 ta’ Frar 2010, fl-20 ta’ April 2010, fil-15 ta’ Gunju 2010, fis-17 ta’ Settembru 2010, fis-16 ta’ Novembru 2010, fl-1 ta’ Frar 2011, fid-29 ta’ Marzu 2011, fil-31 ta’ Mejju 2011, fl-4 ta’ Ottubru 2011, fil-5 ta’ Dicembru 2011, fl-14 ta’ Frar 2012, fl-24 ta’ April 2012, fid-19 ta’ Gunju 2012, fis-16 ta’ Ottubru 2012, fit-13 ta’ Novembru 2012, fis-6 ta’ Dicembru 2012, fid-9 ta’ Jannar 2013 u fil-31 ta’ Jannar 2013. Hawnhekk irid jinghad ukoll illi l-verbal tas-seduta li kellha tinzamm fid-19 ta’ Frar 1996 ma jinsabx fl-atti.

26. Illi kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta’ Novembru 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti et**, ghalkemm fuq punt differenti, izda waqt li dik il-Qorti, kienet qeghda tittratta dwar il-kontenut ta’ verbal:

[4] Skond il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Settembru 1994, il-kawza giet differita fuq talba tal-avukat difensur stante li kien imsiefer.

"*Ir-regola hi li dak li sehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza … gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet … din il-Qorti necessarjament trid toqghod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.*"

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet sollevata mill-imputat fis-seduta tat-8 ta' April 2013, meta l-Ufficjal Prosekutur ma kienx prezenti ghas-seduta. Sussegwentement, fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013, id-difiza ghamlet verbal dwar din l-eccezzjoni, fil-presenza tal-Ufficjal Prosekutur u l-Qorti ikkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom dwar din l-eccezzjoni mqajjma mid-difiza. Il-Prosekuzzjoni ma talbet fl-ebda zmien, minn dakinhar sal-lum, sabiex iggib prova li turi li minkejja dak registrat fil-verbali fl-atti, tali verbali kienu zbaljati jew inkompleti u li fil-fatt l-imputat kien qieghed jidher ghas-seduti minkejja li m'hemmx accenn ghal dan fil-verbali in kwistjoni, jew li fil-fatt l-imputat kien baqa' jigi notifikat minkejja li ma kienx qieghed jidher ghas-seduti. Dwar dan il-prosekuzzjoni lanqas ma taghmel xi accenn fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

27. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-verbal ghandu jirrispekkja dak li jkun qieghed isehh matul il-kawza u la darba f'dawk il-verbali li ma jindikaw xejn hlief li l-kawza kienet qeghda tigi differita ghas-sentenza, ma jirrizultax illi l-imputat fil-fatt kien qieghed jidher, din il-Qorti ma tistax tassumi illi l-imputat kien qieghed jidher ghall-kawza jew izjed u izjed li kien notifikat biex jaghmel dan.

28. Dan ir-ragunament tal-Qorti isib ukoll konfort fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Settembru 2012 (App. Kriminali Nru. 451/2010). F'dak il-kaz, l-Avukat Generali ssottometta illi f'numru ta' seduti, ghalkemm ma kien hemm xejn fil-verbali li jindika li l-imputat kien prezenti, madankollu lanqas kien hemm indikat li kien assenti. In oltre kien deher l-Avukat tal-appellat u ghalhekk, skond l-Avukat Generali f'dak il-kaz, l-appellat zgur li kien mgharraf bl-istess udjenzi, ghaliex altrimenti ma kienx jinkariga lill-Avukat imqabbad minnu sabiex jidher f'ismu u l-istess Avukat ma kienx jiehu l-briga li jidher ghall-klijent tieghu. Skond l-appellant, l-appellat issottometta lilu nniffsu, tramite l-Avukat ta' fiducja tieghu,

ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti u d-digrieti u d-decizjonijiet taghha. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk:-

"*Bir-rispett kollu il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Jibda biex jinghad, illi l-obbligu tal-prosekuzzjoni huwa li jinnotifika lill-akkuzat ghal kull differiment illi jkun hemm quddiem il-Qorti Kriminali sakemm ma jirrizultax fil-verbal precedenti li l-Qorti tkun innotifikatu hi stess bis-seduta li jkun imiss. Fl-ebda wahda mid-differimenti li saru f'din il-kawza ma rrizulta dan it-tip ta' notifika. Meta akkuzat ma jidhirx il-Qorti, il-Prosekuzzjoni hija obligata illi tesebixxi r-riferta halli l-Qorti tkun taf x'mizuri ghandha tiehu, d-dehra ta' l-avukat li jitlob diferiment mhijiex notifika skont il-Ligi u lanqas ma tfisser illi l-klijent ikun inkariga lill-avukat biex jidhirlu …*

*Ghalhekk id-dehra ta' l-avukat waqt seduta ma jfissirx illi l-akkuzat ikun gie notifikat ghal dik is-seduta, l-ahjar prova hija dejjem ir-riferta. Izda l-Qorti ma tistax tassumi xejn u ma tistax tiddeduci n-notifika ta' l-akkuzat sempliciment bil-presenza ta' l-avukat waqt is-seduta … Fil-waqt illi jista' jkun illi l-akkuzat kien qed ikun notifikat ma hemm l-ebda prova ta' dan u minkejja illi kien qed jidher l-avukat u qed jitlob id-differiment biex tikkawtela l-posizzjoni taghha l-Proskeuzzjoni ghandha dejjem tesebixxi r-riferta xorta wahda.*

*…F'Awla kriminali ma tista' tiddeduci xejn hlief illi ma hemmx prova illi l-appellat kien qed ikun notifikat ghal dawn id-differiment kollha, l-presenza ta' l-avukat tieghu mhijiex bizzejjed u ma tistax tassumi illi kien inkariga lill-avukat biex jidher ghan-nom tieghu …*".

F'dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed jidher ghas-seduti mizmuma wara t-3 ta' Novembru 1993 u dan sat-8 ta' April 2013, u wisq inqas jirrizulta illi huwa kien qieghed jigi notifikat mill-prosekuzzjoni sabiex jidher ghal dawn is-seduti.

29. Illi ghalhekk la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tat-3 ta' Novembru 1993 sas-seduta tat-8 ta' April 2013, ghaddew izjed minn hames snin bejn notifika u ohra. U hawn irid jinghad ukoll illi l-azzjoni diga` fil-fatt kienet preskritta qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fuq imsemmija permezz tal-Att III tas-sena 2002. Isegwi illi l-kwistjoni kollha dwar jekk ghandhiex tapplika retroattivament il-ligi dwar il-

preskrizzjoni, kif emendate, setghet lanqas giet trattata minn din il-Qorti, izda l-punt gie trattat sempliciment ghal fini ta' kompletezza la darba dan tqajjem kemm mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza. Kif inghad a propositu, f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmen Said** et:

"*Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta' jekk din id-disposizzjoni l-gdida – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta' Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk qabel l-1 ta' Mejju 2002, l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Lewis Cordina****)*".[5]

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni

30. Ai termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9, ossia l-artikolu ndikat mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-21 ta' Jannar 1993, bhala wiehed mill-artikoli tal-ligi li tahtu tista' tinstab htija, il-piena hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa.

31. F'dan il-kaz, skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

"*(e) bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*"

32. Kif diga` inghad, l-itwal zmien li fih l-imputat jidher li ma kienx notifikat huwa dak bejn it-3 ta' Novembru 1993 u t-8 ta' April 2013, ossia perijodu ta' 'l fuq minn dsatax-il sena u ghalhekk anke l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni dwar it-tieni imputazzjoni qeghda tigi milqugha.

It-tielet imputazzjoni

33. L-istess irid jinghad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li, fir-rigward taghha, a tenur tal-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66

[5] U hawnhekk irid jinghad ukoll illi dan il-punt dahlet fih indirettament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984, citata mill-prosekuzzjoni fin-nota taghha. F'dak il-kaz, il-Qorti rriteniet illi "*Dan mhux kaz fejn l-azzjoni kienet ga preskritta anke in parti meta tbiddlet il-ligi u ghalhekk l-argument ta' l-imputat hu bla valur*". Ghalhekk anke f'dak il-kaz, il-Qorti kkonkludiet illi la darba azzjoni tkun preskritta, l-emendi li jigu wara jkunu bla effett.

tal-Ligijiet ta’ Malta, il-piena hija dik ta’ prigunerija ghal zmien minn xahrejn sa sentejn.  Isegwi ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi l-azzjoni taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ hames snin.

34. Ghalhekk dak li ntqal izjed ‘il fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, japplika wkoll ghal din l-imputazzjoni u ghaldaqstant l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar din l-imputazzjoni qeghda tigi milqugha.

Ir-raba’ imputazzjoni

35. Ir-raba’ imputazzjoni hija dik illi l-imputat allegatament spara arma tan-nar fl-abitat jew fi triq pubblika minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan skond in-Nota tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Jannar 1993, ai termini tal-Artikoli 24, 29 u 33 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

36. Issa skond l-imsemmija artikoli, l-piena hija dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux anqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn mitejn lira, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien.

37. Illi ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni:

“*(e) bl-gheluq ta’ sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*”

Illi ghalhekk la darba jidher illi l-imputat la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tat-3 ta’ Novembru 1993 sas-seduta tat-8 ta’ April 2013, ghaddew izjed minn sentejn bejn notifika u ohra, u kif inghad fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohrajn, l-azzjoni kienet diga` estinta qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fis-sena 2002.  L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni qeghda ghalhekk tigi milqugha wkoll.

Il-hames imputazzjoni

38. Il-hames imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik illi huwa allegatament volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, liema reat huwa wiehed kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 338(dd) u ghalhekk tapplika fil-konfront tieghu il-preskrizzjoni ta’ tliet xhur, skond l-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

39. Jirrizulta illi l-imputat deher fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 1991 u sussegwentement rega’ deher fis-seduta tal-4 ta’

Novembru 1991. Fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Settembru 1991, ma giex indikat illi l-imputat deher jew illi kien gie notifikat.

40. Ghalhekk f'dan il-perjodu bejn dehra u ohra, iddekkora l-perjodu preskrittiv ta' tliet xhur fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi milqugha anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

41. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda tiddikjara l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritti u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------